Il-Ġurnal Uffiċjali
tal-Unjoni Ewropea

MT
Is-serje L

2025/1528

31.7.2025

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2025/1528

tat-30 ta' Lulju 2025

li jawtorizza l-introduzzjoni fis-suq taż-żejt ta' *Cyperus esculentus* (ħabb għażiż) bħala ikel ġdid u li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2017/2470

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2015/2283 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Novembru 2015 dwar ikel ġdid, li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1169/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 258/97 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u r-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1852/2001 ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 12(1) tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament (UE) 2015/2283 jipprevedi li l-ikel ġdid awtorizzat u inkluż fil-lista tal-Unjoni tal-ikel ġdid biss jista' jiġi introdott fis-suq fl-Unjoni.

(2) Skont l-Artikolu 8 tar-Regolament (UE) 2015/2283, ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/2470 ([2]) stabbilixxa lista tal-Unjoni tal-ikel ġdid.

(3) Fid-29 ta' Ottubru 2020, il-kumpanija Tigernuts traders S.L. ("l-applikant") issottomettiet applikazzjoni lill-Kummissjoni għal awtorizzazzjoni f'konformità mal-Artikolu 10(1) tar-Regolament (UE) 2015/2283 biex tintroduċi ż-żejt ta' *Cyperus esculentus* (ħabb għażiż) fis-suq tal-Unjoni bħala ikel ġdid. L-applikant talab li ż-żejt ta' *Cyperus esculentus* (ħabb għażiż) jintuża bħala tali (għat-tisjir jew bħala taħwir) u bħala ingredjent f'diversi kategoriji tal-ikel għall-popolazzjoni ġenerali.

(4) Fit-8 ta' Novembru 2022, il-Kummissjoni talbet lill-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel ("l-Awtorità") twettaq valutazzjoni taż-żejt ta' *Cyperus esculentus* (ħabb għażiż) bħala ikel ġdid.

(5) Fit-30 ta' Ottubru 2024, l-Awtorità adottat l-opinjoni xjentifika tagħha dwar is-sikurezza taż-żejt ta' *Cyperus esculentus* (ħabb għażiż) bħala ikel ġdid ([3]) f'konformità mal-Artikolu 11 tar-Regolament (UE) 2015/2283.

(6) Fl-opinjoni xjentifika tagħha, l-Awtorità kkonkludiet li ż-żejt ta' *Cyperus esculentus* (ħabb għażiż) huwa sikur għall-popolazzjoni ġenerali fil-kundizzjonijiet tal-użu proposti. Għalhekk, dik l-opinjoni xjentifika tagħti biżżejjed raġunijiet biex jiġi stabbilit li meta jintuża fil-kundizzjonijiet tal-użu proposti, iż-żejt ta' *Cyperus esculentus* (ħabb għażiż) jissodisfa l-kundizzjonijiet għall-introduzzjoni tiegħu fis-suq f'konformità mal-Artikolu 12(1) tar-Regolament (UE) 2015/2283.

(7) Jixraq li l-inklużjoni taż-żejt ta' *Cyperus esculentus* (ħabb għażiż) bħala ikel ġdid fil-lista tal-Unjoni tal-ikel ġdid ikun fiha l-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 9(3) tar-Regolament (UE) 2015/2283.

(8) Jenħtieġ li ż-żejt ta' *Cyperus esculentus* (ħabb għażiż) jiġi inkluż fil-lista tal-Unjoni tal-ikel ġdid stabbilita fir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2017/2470. Għalhekk, jenħtieġ li l-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2017/2470 jiġi emendat kif xieraq.

(9) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma f'konformità mal-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Pjanti, l-Annimali, l-Ikel u l-Għalf,

([1]) ĠU L 327, 11.12.2015, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2015/2283/oj.
([2]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/2470 tal-20 ta' Diċembru 2017 li jistabbilixxi l-lista tal-Unjoni tal-ikel ġdid skont ir-Regolament (UE) 2015/2283 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ikel ġdid (ĠU L 351, 30.12.2017, p. 72, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2017/2470/oj).
([3]) *EFSA Journal*, 2024;22:e9102.

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

1. Iż-żejt ta' *Cyperus esculentus* (ħabb għażiż) huwa awtorizzat li jiġi introdott fis-suq fl-Unjoni.

Iż-żejt ta' *Cyperus esculentus* (ħabb għażiż) għandu jiġi inkluż fil-lista tal-Unjoni tal-ikel ġdid stabbilita fir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2017/2470.

2. L-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2017/2470 huwa emendat f'konformità mal-Anness ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-30 ta' Lulju 2025.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN

ANNESS

L-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2017/2470 huwa emendat kif ġej:

(1) fit-Tabella 1 (Ikel ġdid awtorizzat), tiddaħħal l-entrata li ġejja:

Ikel ġdid awtorizzat	Kundizzjonijiet li fihom jista' jintuża l-ikel ġdid		Rekwiżiti tat-tikkettar speċifiċi oħrajn	Rekwiżiti oħrajn	Protezzjoni tad-data
"Żejt ta' *Cyperus esculentus* (ħabb għażiż)	***Kategorija tal-ikel speċifikat***	***Livelli massimi***	Id-dežinjazzjoni tal-ikel ġdid fuq it-tikkettar tal-oġġetti tal-ikel li fihom minnu għandha tkun 'żejt ta' *Cyperus esculentus* (ħabb għażiż)'.		
	Żejt ta' *Cyperus esculentus* (ħabb għażiż) bħala tali				
	Prodotti bbażati fuq l-għaġin	30 mL/100 g			
	Ħobż u panini	30 mL/100 g			
	Snacks għajr crisps (crackers)	30 mL/100 g			
	Dressings għall-insalati	50 mL/100 g			
	Xaħmijiet kif definiti fl-Appendiċi II tal-Anness VII tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([1])	80 mL/100 g			
	Prodotti fini tal-forn	30 mL/100 g			
	Prodotti b'bażi ta' ħalib (*)	60 mL/100 g			
	(*) Meta jintuża fil-prodotti b'bażi ta' ħalib, iż-żejt ta' *Cyperus esculentus* (ħabb għażiż) ma jistax jissostitwixxi kompletament jew parzjalment kwalunkwe kostitwent tal-ħalib.				

([1]) Ir-Regolament (UE) Nru 1308/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni tas-swieq fi prodotti agrikoli u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nru 922/72, (KEE) Nru 234/79, (KE) Nru 1037/2001 u (KE) Nru 1234/2007 (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 671, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2013/1308/oj)."

(2) fit-Tabella 2 (Speċifikazzjonijiet), tiddaħħal l-entrata li ġejja:

Ikel ġdid awtorizzat	Speċifikazzjonijiet
“Żejt ta’ *Cyperus esculentus* (ħabb għażiż)	**Deskrizzjoni:** L-ikel ġdid jinkiseb mill-pastorizzazzjoni tat-tuberi ta’ *Cyperus esculentus* L. (ħabb għażiż) segwita minn proċess ta’ ppressar kiesaħ. **Kompożizzjoni tal-aċidi xaħmin:** Aċidu palmitiku: 12-15 % Aċidu steariku: 5-8 % Aċidu olejku: 65-69 % Aċidu linolejku: 9-12 % **Karatteristiċi:** Aċidità: ≤ 2 % Valur tal-perossidi: ≤ 20 meq/kg Valur tas-saponifikazzjoni: ≤ 189 mg KOH/g *p*-anisidina: < 1 **Metalli tqal:** Ċomb: ≤ 0,1 mg/kg Kadmju: ≤ 0,1 mg/kg **Mikotossini:** Aflatossini (is-somma ta’ B1, B2, G1, G2): < 4 µg/kg Aflatossina B1: < 1 µg/kg Okratossina A: < 3 µg/kg **Kriterji mikrobijoloġiċi:** Għadd totali ta’ mikrobi aerobiċi: ≤ 10^3 CFU /g Għadd totali ta’ ħmira u ta’ moffa: ≤ 10^2 CFU /g Koliformi: ≤ 10 CFU /g *Salmonella*: Mhux individwata f’25 g *Listeria monocytogenes*: Mhux individwata f’25 g Enterobacteriaceae: < 10^2 CFU /g CFU: unitajiet li jifformaw kolonji.”

ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2025/1528/oj